MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Numru. 433/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Borg**

**VS**

**Carmen Al Shatti nee' Spiteri, mart Mohammed Khalifa Al Shatti, bint Carmel Spiteri u Maria nee' Buttigieg, imwielda Tal Pieta' nhar it-2 ta' Marzu, 1977, residenti Block C, Flat 11, Triq il-Ghajn, Belt Valletta, detentrici tal-karta tal-identita' numru 217577M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Carmen Al Shatti** li giet akkuzata talli nhar it-30 ta' Settembru, 2002, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b'qerq ta' aktar minn Lm500.00 u inqas minn Lm1,000.00, ghad-dannu tal-kumpanija Associated Supplies Ltd, dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data u lok, iffalsifikat cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jiehu jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, cioe' sett kambjali li jappartjenu ghall-kumpanija Associated Supplies Limited, dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data u lok, xjentement ghamlet uzu minn tali cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, hekk kif fuq imsemmija, u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data u lok, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' sett kambjali li jappartjenu ghall-kumpanija Associated Supplies Limited, billi holqet pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data u lok, xjentement ghamlet uzu mill-istess att awteniku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, att, kitba jew skrittura falza, hekk kif fuq imsemmija, u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli b'hekk kisret il-provvediment tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta (Kap 446 Artikolu 22), meta kkommettiet reat iehor wara li nghatat sentenza fejn giet liberata taht kundizzjoni li ma tikkomettix reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), nhar l-4 ta' Ottubru, 2000.

Rat illi l-imputata kienet wiegbet fl-interrogatorju li ma kinitx hatja tal-akkuzi kif migjuba kontra taghha; kif ukoll illi ma kellha ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, ezebit il-kunsens tal-Avukat Generali ghal dawn il-proceduri.

Rat illi skarsi kienu l-provi prodotti, pero tul il-proceduri, il-Qorti nghatat dejjem x'tifhem illi l-imputata kienet ser tirregola ruhha fir-rigward tal-flejjes mehuda.

Illi fil-fatt, fis-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013, l-imputata ghaddiet lill-Ufficjal Prosekutur is-somma ta' mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm164.00) ekwivalenti ghal tliet mija u tnejn u tmenin Ewro(€382), a saldu ta' dak suggett tar-reati.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 18, 167, 183, 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib htija f'dan ir-rigward.
Rat ukoll il-fedina penali tal-imputata, u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' sena(1) sospiza ghal sentejn(2) u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------